MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2015

Numru. 1076/2011

**Il-Pulizija**

**[Spettur Joseph Agius]**

**vs**

**Simon Parnis**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Simon Parnis detentur tal-karta tal-identita` numru 135966(M).

Akkuzat talli nhar it-28 t'Awwissu 2011 fi Triq il-Ghid, Siggiewi, ghal habta ta' 05.30hrs:

1. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq bieb ta' barra tal-aluminium ghad-dannu ta' Anthony u Catarina Vella mis-Siggiewi, liema hsara tiskorri il-€116.47 izda mhux il-€1,164.69 bi ksur tal-Artikol 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Ukoll talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Ukoll talli sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi gew definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provediment tal-Artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur tal-Familja Vella.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 325(b), 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Simon Parnis hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah ghal erbatax-il (14) xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2) flimkien ma’ *supervision order* sabiex tigi ndirizzata l-problema karatterjali li l-imputat jista’ ghad ghandu. L-imputat qed jigi wkoll impost *protection order* that l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tas-Supervision Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------